**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**SKOLA MEDJA RABAT**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**Frar 2017**

Marka

**Is-Seba' Sena Sena** | **Studji Soċjali** | **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** __________ **Numru tar-reġistru:** ______

**Taqsima A: Imla l-vojt bil-kliem ta' ġol-kaxxi.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| multi-kulturali | soċjali | responsabbli | waħidna | karatteristiċi |
| soċjalizzazzjoni | valuri | regoli | organizzazzjoni | familja |

1. Liġijiet u ____________ jgħinuna ngħixu flimkien bl-aħjar mod possibbli.
2. Aħna bnedmin soċjali u ma nistgħux ngħixu _______________.
3. _______________ differenti jagħmluna persuni uniċi.
4. Il- ______________ hu l-aktar grupp bażiku u importanti f'kull soċjetà.
5. L-identità ______________ tagħna hi l-mod kif jarawna n-nies minn barra.
6. Ngħixu f'soċjetà ________________ fejn insibu persuni ġejjin minn pajjiżi differenti.
7. _____________ huma dawk l-affarijiet tajbin li għandi fija.
8. Is- ________________ primarja isseħħ fl-ewwel snin ta' ħajjitna fi ħdan il-familja.
9. Inqis ruħi persuna ________________ meta ħaddieħor jemmen fil-kapaċitajiet tiegħi.
10. Mingħajr _____________ jkollna taħwid kbir fis-soċjetà .



(10 x marka=10 marki)

**Taqsima B: Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numru fl-ispazju hawn taħt:**

| Kolonna A | Numru | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. B' diversita' nifhmu | | mingħajr regoli u liġijiet. |
| 2. Mill-familja nitgħallmu | | Ilkoll aħna ugwali. |
| 3. Jien ma nistax ngħix waħdi, | | għax aħna lkoll bnedmin soċjali. |
| 4. Ikun hawn ħafna taħwid | | waħda mill-ħames aspetti importanti sabiex soċjetà tkun b'saħħitha. |
| 5. Meta naħdem f'tim | | tieqaf is-soċjalizzazzjoni primarja. |
| 6. Ħadd m'għandu xejn inqas mill-oħrajn; | | li kulħadd huwa differenti minn xulxin. |
| 7. Soċjetà hi magħmula minn | | irrid nisma' l-opinjonijiet ta' kulħadd. |
| 8. Meta nattendi skola għall-ewwel darba | | ħiliet, valuri u attitudnijiet. |
| 9. L-organizzazzjoni hija | | gruppi ta'nies differenti. |
| 10. Bżonn li nikkomunikaw ma' xulxin | | irrid minn ħaddieħor sabiex ngħix ħajja komda moqdi mill-bżonnijiet ta' kuljum. |

(10 x marka = 10 marki)

**Taqsima Ċ: Agħżel it-tajba billi taqta' sing taħtha .**



1. Soċjetà hi magħmula minn:
   a. Nies jistennew fi kju.
   b. Nies li ma jimpurthomx minn xulxin.
   c. Nies li jsegwu regoli u liġijiet.

2. Fi grupp ta' ħbieb inkunu magħqudin meta:
    a. Nisimgħu lil xulxin.
    b. Nagħmlu dejjem dak li tiddeċiedi l-istess persuna.
    c. Ma naċċettawx id-differenzi ta' bejnietna.
3. Fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni, nitgħallmu:
    a. Il-matematika u l-isports.
    b. Valuri u normi aċċettati mis-soċjetà.
    c. Nilagħbu l-futbol u l-baskitbol.
4. Ilkoll niddependu minn xulxin biex ngħixu ħajja komda, ngħixu f'soċjetà:
    a. Indipendenti.
    b. Egoista.
    c. Interdipendenti .
5. Normi huma:
    a. Drittijiet.
    b. Regoli ta' mġiba.
    c. Obbligi.
6. Il-ġeneru jispjega id-differenza:
    a. Bioloġika.
    b. Soċjoloġika.
    c. Kulturali.
7. Ilkoll għandna kwalitajiet li:
    a. Jagħmluna uniċi.
    b. Jtellfuna milli nkunu fil-paċi.
    c. Ma huma tal-ebda interess.
8. Identità globali tfisser:
    a. L-identità li tagħtini d-dar.
    b. L-identità li tagħtini l-iskola.
    c. L-identità li tagħtini d-dinja.

9. Il-kultura Maltija nżommuha ħajja billi:
   a. Nikkupjaw kulturi ta' pajjiżi oħra.
   b. Ngħaddu t-tradizzjonijiet tagħna minn ġenerazzjoni għall-oħra.
   c. Nevitaw li nitkellmu bil-Malti.
10. Soċjetà tibqa' magħquda meta:
   a. Ma naċċettawx lil kull min hu differenti minna.
   b. Ma nagħtux kas xulxin.
   c. Nsolvu l-konflitti li jinqalgħu.

(1x10=10marki)

**<u>Taqsima D: Wieġeb Veru jew Falz u spjega għaliex.</u>**

1. Kull persuna għandha rwol wieħed biss fis-soċjetà. (Veru / Falz)

   Għaliex: ______________________________________________

   ______________________________________________

2. Ir-regoli jgħinuna sabiex ngħixu flimkien fl-aħjar mod possibbli. (Veru / Falz)

   Għaliex: ______________________________________________

   ______________________________________________

3. Ix-xogħol tad-dar għandu jsir mill-mara biss. (Veru / Falz)

   Għaliex: ______________________________________________

   ______________________________________________

4. Jista' jkun li fil-ħajja mhux dejjem niġu trattati bl-istess mod. (Veru / Falz)

   Għaliex: ______________________________________________

   ______________________________________________

5. Min irabbina huwa fir-responsabiltà li jgħallimna dak li hu aċċettat min-nies fis-soċjetà. (Veru / Falz)

   Għaliex: ______________________________________________

   ______________________________________________

(5x2=10marki)

**Taqsima E: Kieku int x'kont tagħmel f'dawn is-sitwazzjonijiet?**

1. Jinqala' argument fil-kassi bejn żewġt iħbieb tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Student barrani jkun qed jiġi mwarrab għax ma jafx jitkellem u ma jifhimx bil-lingwa Maltija.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Il-ħbieb tiegħek jibdew jagħmlu pressjoni fuqek sabiex tixtri ħwejjeġ tad-ditta.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Tindua li qed isir 'bullying' fuq il-kowċ waqt it-transport għall-iskola.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(4x5=20marka)

**Taqsima F: Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Biex tkun ċittadin tajjeb jeħtieġ li taqdi r-rwol tiegħek għall-ġid tiegħek u tas-soċjetà. Dan ifisser li trid tagħraf u titgħallem id-dmirijiet u d-drittijiet tiegħek bħala membru tas-soċjetà. Hemm diversi adulti li għandhom rwol importanti fis-soċjetà li jgħinuna ngħixu b'mod organizzat flimkien. Inżommu f'moħħna li bħala ċittadini żgħar għandna nirrispettaw lil min hu akbar minna speċjalment dawk li fl-ewwel snin ta' ħajjitna jagħtuna l-ewwel soċjalizzazzjoni u b'hekk jippreparawna sabiex inkunu bnedmin soċjali.

1. a) Rwol huwa: i) dmir ii) passatemp iii) xogħol fis-soċjetà (2 marki)

2. a) Semmi żewġ persuni li għandhom rwol importanti fis-soċjetà . (2 marki)

_________________ , _________________

. b) Spjega għaliex taħseb li dawn għandhom rwol importanti. (4 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi **erba' rwoli** li inti għandek fis-soċjetà . (4 marki)

________________ , ____________________, ___________________, _______________

4. Semmi żewġ drittijiet li inti għandek u dmir li jmur magħhom? (4 marki)

| DRITT | DMIR |
|---|---|
| a. | |
| b. | |

5. a) X'tissejjaħ l-ewwel soċjalizzazzjoni li nirċievu?

____________________________________________ (1 marka)

b) Mingħand min nirċevuha?

____________________________________________ (1 marka)

c) Semmi x'nitgħallmu matul dan il-perjodu. (2 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

(20 marka)

**Taqsima Ġ: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb bejn 120- 150 kelma.**

1. Spjega kif f'soċjetà ngħixu flimkien u aħna bżonn xulxin.

2. X'inhuma l-vantaġġi li taħdem f'tim/grupp?

3. Iddiskuti kif il-mara u r-raġel huma ndaqs it-tnejn fis-soċjetà u m'għandux ikun hemm differenzi bejniethom.

4. Kull pajjiż għandu l-identità nazzjonali tiegħu. X'jagħmilna Maltin? Għalfejn taħseb li huwa importanti li nieħdu ħsieb l-identità nazzjonali tagħna?

(20 marka)

**Total 100 marka**